MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 169/2002/1

**Carmel sive Carlo Schembri**

**vs**

**Walter u Josephine konjugi Montebello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-8 ta’ Marzu, 2002, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u erbghin lira Maltin (Lm4,440) rapprezentanti bilanc ta’ flejjes mislufa *brevi manu*;

Bl-imghax u bl-ispejjez legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi l-eccipjenti ma rcevew ebda ittra ufficjali li bihom gew mitluba jhallsu l-ammont mitlub mill-attur fl-Avviz. Ghalhekk l-attur ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza.

Inoltre, l-ammont dovut huwa ta' Lm4,335.93 peress illi l-attur ghandu jaghti lill-eccipjenti s-somma ta' Lm104.07, rapprezentanti sehem l-attur minn spejjez legali inkorsi flimkien.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza proprja bejn il-partijiet tirrigwarda s-somma ta' mija u erba' liri Maltin u seba' centezmi (Lm104.07) li jirraprezentaw sehem l-attur ta' spejjez legali li gew inkorsi meta l-partijiet kienu jiggestixxu negozju flimkien.

L-istess attur jirrikonoxxi dan meta a Fol. 14 jghid, "Dawna huma dovuti ghal zmien meta l-kumpanija kienet ghadha vigenti u jiena kont ghadni sieheb shih." Jirrikonoxxi wkoll illi l-kont kollu thallas mill-konvenut, pero' jghid illi sar jaf b'dan il-kont fil-mori ta' din il-kawza.

Il-konvenut esebixxa kopja ta' ittra datata 24 ta' Jannar, 2002, li baghat lill-attur. Takkompanja din l-ittra kien hemm *cheque* ghall-disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm945.93) kif ukoll rendikont ta' kif wasal ghal din ic-cifra inkluzi l-kontijiet ta' l-avukat. Ghalhekk, il-Qorti difficcli tifhem dak illi qal l-attur illi huwa sar jaf b'dan il-kont fil-mori ta' din il-kawza.

Mill-bqija ghal dak illi huwa l-meritu, skond l-istess eccezzjonijiet, l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex negat mill-konvenut. Veru illi originarjament dan ta' l-ahhar dehrlu li kellu jaghmel tpacija ma' xi djun ohra li ghadhom mhumiex likwidi jew dovuti, u bir-ragun ukoll l-attur

m'accettax din il-proposta, jibqa' l-fatt illi l-ammont mitlub oltre l-ispejjez legali huma dovuti kif inghad.

Ghal dawk illi huma l-ispejjez, il-Qorti ma tistax ticcensura lill-attur talli dan ipprezenta mill-ewwel avviz wara li rcieva l-ittra fuq imsemmija tal-24 ta' Jannar, 2002.

Il-konvenut qieghed jilmenta illi qabel il-prezentata ta' l-Avviz, huwa ma rceviex ittra ufficjali jew xi ltima ohra sabiex ihallas il-flus dovuti lill-attur.  Filwaqt illi l-Qorti tifhem li l-ittra ufficjali ghandha l-utilita' legali taghha, dina mhijiex necessarja sabiex jibdew proceduri legali kontra xi hadd.  Ma hemm l-ebda ostakolu lill-attur li jaqbad u jipprezenta l-kawza jekk huwa jkollu ragunijiet bizzejjed sabiex jahseb li l-konvenut mhuwiex sejjer jilqa' t-talba tieghu.

L-ittra fuq imsemmija ta' l-24 ta' Jannar, 2002, hija ndikazzjoni bizzejjed tal-hsieb tal-konvenut illi f'dak l-istadju ma kienx qed jirrikonoxxi t-talba ta' l-attur.

Ghalhekk il-prezentata ta' l-ittra ufficjali setghet kienet biss hela ta' hin peress illi l-konvenut ghamilha cara illi dak iz-zmien ma kienx bi hsiebu jhallas minghajr ma ssir it-tpacija.  Fil-fatt l-attur jghid ukoll, "Lill-konvenut kellimtu diversi drabi dwar dan l-ahhar pagament u mbaghad kien huwa li ssuggerixxa li mmorru l-Qorti." (Fol. 14).

Ma hemmx dubbju li wara l-ittra ta' l-24 ta' Jannar, 2002, il-konvenut ha l-pariri legali opportuni u dawna wassluh biex ghamel l-eccezzjoni ghal din il-kawza kif inghad fejn irreklama biss id-drittijiet ta' l-avukat minghajr ma pogga ostakolu ghal bqija tat-talba ta' l-attur.  Dana juri sens ta' ghaqal u maturita' li forsi kien ikun ahjar ghalih kieku hadhom qabel.

Rigward id-drittijiet jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet u ghalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talba ta' l-attur u tirriduci d-drittijiet legali kif inghad mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu.

Ghal dawk illi huma spejjez, pero' l-Qorti jidhrilha illi dawn ghandhom jigu attribwiti kollha ghall-konvenut peress illi kien huwa illi l-ewwel pogga ostakolu li gieghel lill-attur li jadixxi lill-Qorti kif ghamel.

Ghal dawn il-mottivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsuh is-somma ta' erbat elef, tlitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u sidghin centezmu (Lm4,335.93) rapprezentanti bilanc ta' flejjes mislufa *brevi manu*;

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l- konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------